Parlament Ewropew
2014-2019

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

2017/0336(COD)

19.6.2018

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 dwar appoġġ għal riformi strutturali fi Stati Membri
(COM(2017)0826 – C8-0432/2017 – 2017/0336(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sirpa Pietikäinen

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ħafna drabi dawk li jfasslu l-politika ma jirrikonoxxux kif u għaliex id-deċiżjonijiet ta' investiment u l-allokazzjonijiet baġitarji mhumiex newtrali fir-rigward tas-sessi. Madankollu, minħabba l-inugwaljanzi strutturali bejn is-sessi li għadhom integrati fis-soċjetà tagħna, l-investimenti u l-allokazzjonijiet baġitarji jolqtu lill-irġiel u lin-nisa b'mod differenti.

Kif wera l-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2017 tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE), il-progress lejn l-ugwaljanza bejn is-sessi għadu kajman. L-Indiċi wera li huma meħtieġa politiki tal-gvern biex jissodisfaw il-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-irġiel, u biex b'mod attiv jinħoloq ambjent fejn kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa ikollhom għażliet u opportunitajiet ugwali biex jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja soċjali, professjonali u tal-familja.

Meta jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-investimenti u l-allokazzjonijiet baġitarji, il-pożizzjoni ekonomika, politika u soċjali differenti tan-nisa u l-irġiel, inklużi l-preferenzi, ir-rwoli u l-użu tal-ħin, mhux qed jiġu kkunsidrati. Jista' jkunx li mhemmx informazzjoni u analiżi dwar l-impatt differenzjali tad-deċiżjonijiet u l-allokazzjonijiet. Meta ma tkunx ġiet kompluta valutazzjoni tal-impatt fuq il-ġeneri, faċilment u sikwit mhux intenzjonalment, isiru deċiżjonijiet ta' investiment li jkunu vantaġġużi għall-preferenzi maskili. Valutazzjoni tal-impatt fuq is-sessi hi l-ewwel pass għall-evitar ta' effetti mhux intenzjonati li ma jippromwovux l-ugwaljanza bejn is-sessi. Dawn il-valutazzjonijiet jippermettu lil min ifassal il-politika biex jipprevedi l-impatt ta' investiment jew programm ġdid fuq il-ħajja tan-nisa u l-irġiel u l-impatt fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi.

Dak li huwa meħtieġ ukoll huwa s-sensibilizzazzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika u li jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-ħtieġa għal valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi u l-fatt li mingħajr valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi, id-deċiżjonijiet tagħhom rarament huma newtrali fir-rigward tas-sessi, pjuttost mhumiex sensittivi għall-perspettivi tal-ġeneri. Barra minn hekk, l-azzjoni pożittiva u l-azzjoni affermattiva wkoll għandhom jiġu adottati bħala għodda biex jiżguraw li jittieħdu aktar passi attivi biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn is-sessi, kif stabbiliti, fost l-oħrajn, fl-Istrateġija Ewropa 2020 u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.

EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) Peress li l-governanza ekonomika tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu appoġġati impenji ta'	(1) Peress li l-governanza ekonomika tal-Unjoni tikkontribwixxi għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ***u għandha wkoll l-għan li ttemm id-***

riformi assunti minn Stati Membri biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti jew biex jimmassimizzaw l-impatt tat-tkabbir u tal-kompetittività tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni bħala forma speċifika ta' appoġġ implimentat f'ġestjoni diretta.	***diskriminazzjoni, tippromwovi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u tintegra l-perspettiva tal-ugwaljanza bejn is-sessi,*** jenħtieġ li jkun possibbli li jiġu appoġġati impenji ta' riformi assunti minn Stati Membri biex jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill rilevanti jew biex jimmassimizzaw l-impatt tat-tkabbir u tal-kompetittività tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni bħala forma speċifika ta' appoġġ implimentat f'ġestjoni diretta.
	Or. en

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, u l-Fond ta' Koeżjoni huma maħsuba biex jappoġġaw it-tkabbir ekoloġiku, ekonomija ċirkolari sostenibbli u l-inklużjoni soċjali. Dawn il-fondi u r-riformi strutturali fl-Istati Membri jeħtieġ li jkunu allinjati u jappoġġjaw b'mod attiv il-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għanijiet relatati kif inkluż fl-istrateġija Ewropa 2020 u l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.
	Or. en

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Id-deċiżjoni minn Stat Membru li jalloka r-riżerva ta' prestazzjoni jenħtieġ

li tkun kundizzjonali fuq l-istabbiliment ta' valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi. Dan jiżgura li l-Istati Membri jieħdu azzjoni pożittiva biex jimplimentaw riformi li jippromwovu l-ugwaljanza bejn is-sessi u t-tkabbir sostenibbli u soċjalment inklużiv.

Or. en

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7
Regolament (UE) Nru 1303/2013
Artikolu 23a – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stat Membru li jagħżel allokazzjoni sħiħa jew parzjali tar-riżerva ta' prestazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 22(1a) għandu jipproponi lill-Kummissjoni sett ta' miżuri xierqa għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali skont il-liġi tal-Unjoni. Din il-proposta għandha tinkludi impenji ta' riforma li għandu jkun fihom stadji u miri għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma u skeda li ma għandhiex tkun itwal minn tliet snin.	1. Stat Membru li jagħżel allokazzjoni sħiħa jew parzjali tar-riżerva ta' prestazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 22(1a) għandu jipproponi lill-Kummissjoni sett ta' miżuri xierqa għall-implimentazzjoni ta' riformi strutturali skont il-liġi tal-Unjoni, ***filwaqt li jqis kif jixraq ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq is-sessi***. Din il-proposta għandha tinkludi impenji ta' riforma li għandu jkun fihom stadji u miri għall-implimentazzjoni tal-miżuri ta' riforma u skeda li ma għandhiex tkun itwal minn tliet snin.

Or. en